**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 1045/2021 NC**

**Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 4061/2021 fl-ismijiet:**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

**Bevs Ltd (C 19814)**

Illum il-ħamsa (5) ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2022, wara talba magħmula mill-konsulent legali tal-intimat il-Kummissarju tat-Taxxi ngħata digriet li permezz tiegħu l-Kummissarju tat-Taxxi intimat ġie meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju skont Artikolu 199(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minħabba li la r-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti Bevs Ltd u anqas il-konsulent legali tagħha ma dehru

għas-seduta, wara li huma kienu ġew imsejħa għal aktar minn tliet darbiet.

Rat illi mid-29 ta' Marzu 2022 sal-lum għaddew aktar minn tliet xhur u f'dan iż-żmien is-soċjeta' rikorrenti Bevs Ltd ma ppreżentatx Rikors *ai termini* ta' Artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex din il-kawża tiġi mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kawżi attivi.

Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija f'Artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda ttenni d-digriet tagħha tad-29 ta' Marzu 2022 dwar il-ħelsien tal-Kummissarju tat-Taxxi intimat mill-ħarsien tal-ġudizzju u fl-istess waqt qiegħda tieqaf milli tqis aktar din il-kawża u b'hekk tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex ineħħiha għal kollox minn fuq il-lista tal-kawżi attivi

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**